# Il-Ħadd 29.05.2016

1. Illum 29/05, **Il-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù - Corpus Christi**:
   - Fil-5:00pm – Adorazzjoni mmexxija mill-Kappillan.
   - Fis-6:00pm – Quddiesa solenni ċċelebrata minn Kan. Jesmond Manicaro bil-professjoni ta' fratelli u sorelle ġodda u animata mill-Kor *'Sine Macula'*.
   - Fis-6:45pm – Purċissjoni bis-Santissimu Sagrament, bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina, tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq Dun Ġużepp Caruana, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

2. It-Tlieta 31/05:
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: inżuru l-knisja tal-Madonna tal-Mirakli f'Ħal Lija fejn ikollna Quddiesa, u wara Coffee Morning fil-President's Kitchen Garden, Ħat-Attard. Tluq fid-8:45am u inkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.

3. Il-Ġimgħa 03/06, **Il-Qalb ta' Ġesù -** *L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi*:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Mit-8:15am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Fis-6:00pm - Adorazzjoni animata mill-membri tal-MUSEUM, mit-tfal tad-Duttrina u mill-Abbatini.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa.
   - Fis-7:00pm - Nofs siegħa Adorazzjoni animata mill-membri tal-K.P.P. li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

4. Is-Sibt 04/06, *It-Tieni Jum tal-Kwaranturi*:
   - Mit-8:15am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fis-6:30pm - Quddiesa u wara tingħata l-Barka Sagramentali.

5. Il-Ħadd 05/06, **Festa tal-Qalb ta' Ġesù -** *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*:
   - Fil-quddies, jibda l-ġbir speċjali b'risq il-Festa.
   - Mill-10:45am 'il quddiem - Adorazzjoni personali;
   - Fil-5:30pm - Adorazzjoni animata mill-Fratellanzi u l-Kor *'Sine Macula'*;
   - Fis-6:00pm - *Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù* ċċelebrata minn Dun Brendan M. Gatt;
   - Fis-6:45pm - *Purċissjoni* bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-Att ta' Konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù. Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-zuntier, u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi. Il-Purċissjoni tgħaddi minn: Misraħ il-Knisja, Triq San Pawl, Triq San Ġużepp, Misraħ San Ġużepp, Triq Santa Marija, Triq il-Kenn, Triq Ta' Ġawhar, Triq l-Iskola, Triq iż-Żurrieq, Misraħ il-Knisja għall-Knisja Parrokkjali.

6. Avviżi oħra:
   - Il-Kummissjoni Emigranti tavża li l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof għal ulied l-emigranti Maltin ser issir nhar l-Erbgħa 27 ta' Lulju, 2016. Il-ġenituri li jixtiequ li uliedhom jersqu għal dawn is-Sagramenti għandhom japplikaw sal-aħħar ġimgħa ta' Ġunju. Aktar informazzjoni mill-Kummissjoni Emigranti, Misraħ Kastilja, il-belt Valletta.